**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru 2020

Rikors Numru: 114/18 AL

**AB**

**vs**

**Dr. Yanika Camilleri u P.L. Gillian Muscat b'digriet tas-26 ta' Marzu 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati tal-assenti CD u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2018 il-kuraturi deputati Dr. Yanika Camilleri u P.L. Gillian Muscat gew estromessi mill-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu ġewwa Malta fit-23 ta' Frar, 2014 u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ minuri u cioe' PD ta' 6 snin u OD ta' 5 snin*

[1] Fol. 1-20.

*(ara ċertifikat taż-żwieġ u ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok A);*

2. *Illi ż-żwieġ ta' bejniethom tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba eccessi, sevizzi, u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;*

3. *Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli;*

4. *Illi l-esponenti ma għanda l-ebda idea fejn qed jirresjedi l-intimat u għalhekk l-Onorabbli Qorti ħatret kuraturi deputati (ara kopja legali hawn anness u mmarkata bħala Dok B);*

5. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet datat 23 ta' Marzu, 2018 (ara kopja legali tad-digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok C);*

6. *Illi l-fatti hawn iddikjarati tafhom hi personalment.*

*Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba sevizzi, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;*

2. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva taż-żewġt t'itfal minuri P D J u O D J f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time; kif ukoll*

*tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

4. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*

5. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

6. *Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

8. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru referenzjali 365/18;*

10. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-rikors ġuramentat tal-kuraturi deputati ta' nhar il-21 ta' Ġunju 2018 fejn ġie rilevat li l-konvenut m'huwiex assenti minn Malta u b'hekk ikun idoneju li jiġi notifikat personalment filwaqt li l-kuraturi deputati jiġu estromessi mill-kawza;[2]

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-3 ta' Lulju 2018, fejn l-attriċi ma opponietx għat-talba kif dedotta u konsegwentament il-Qorti għaddiet sabiex laqgħat it-talba tal-kuraturi deputati biex il-konvenut jiġi notifikat personalment u l-kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawza;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-konvenut, fejn eċċepixxa:

1. *Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-23 ta' Frar, 2014 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg minuri u cioe P D J ta' 6 snin u O D J ta' 5 snin, u s-separazzjoni de facto sehhet f'Settembru 2016, stante li Sinjura A J B keccit lil konvenut mid-dar fejn kienu jghixu flimkien;*

2. *Illi l-konvenut jichad kull akkuza li huwa persuna vjolenti, dan sempliciment ma huwiex minnhu, u l-argumenti dejjem kienu fuq l-istess suggett minhabba li Sinjura Bkienet qeghda tfittex irgiel ohra, u sahansitra jkollha relazzjonijiet maghhom. Huwa veru li seghta kien hemm ghajjat u strorbju, pero dan dejjem sehh minhabba li s-Sur D, wara li gie marrghaf min hbieb tieghu li l-mara tieghi qeghda tkun ma irgiel ohra, kien jiffaccja u jitlob spjegazzjoni ta tali agir;*

3. *Illi jekk kien hemm xi tip ta' vjolenza fizika dan kien gej mil-attrici u l-*

[2] Fol. 46a-48.
[3] Fol. 57.
[4] Fol. 59-64.

*konvenut ddefenda ruhu min dan l-agir;*

4. *Illi l-konvenut jaqbel ma' l-ewwel talba ta' l-attrici limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan **izda** ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, illi rrendiet ruhha hatja versu l-eccipjenti ta' adulterju, ingurji, u eccessi, illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli, kif ukoll minhabba inkompatibilita` serja ta' karattri;*

5. *Illi t-tieni talba ta' l-attrici ghandha tigi michuda, stante li ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex l-konvenut jkun eskluz mit-trobbija u decizjonijiet rigwardanti t-tfal minuri;*

6. *Illi l-konvenut filwaqt li jaqbel mat-talba tal-attrici dwar manteniment ghal-uliedu minuri skont il-provvedimenti li tiffisa l-Qorti, b'dana li qabel jigi iffissat tali ammont din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabbilixxi l-ammont percepit mil-konvenut u kif wkoll l-ispejjez tieghu;*

7. *Illi l-konvenut jaqbel mar-raba' talba attrici;*

8. *Illi l-hames talba attrici hija opposta stante li l-konvenut jinsisti li z-zwieg tkisser unikament tort tal-attrici;*

9. *Illi l-konvenut jichad is-sitt talba u in kontrotalba' jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna d-dekadenza tal-attrici mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-**Artikoli 48 et seq** tal-**Kodici** bil-konsegwenzi kollha taghhom**;***

10. *Illi l-konvenut jaqbel mas-seba' talba attrici ghad-dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ghall-likwidazzjoni ta' l-istess b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet;*

11. *Illi fl-ahhar lok, id-disa' talba attrici ma tistax tintlaqa', stante illi m'hemm l-ebda oggetti dotali u parafernali ta' l-attrici fil-pussess tal-*

*konvenut;*

12. *Illi l-konvenut jaqbel mad-disa' talba attrici;*

13. *Illi l-konvenut jaqbel mal-ghaxar talba attrici;*

14. *Illi f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, galadarba l-konvenut ma jahtix ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess attrici kif diga` inghad, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar il-5 ta' Diċembru 2019 fejn il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja ġialadarba huwa pprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu wara l-għoxrin (20) jum kif stipulat f'Artikolu 158(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u akkordat mill-Qorti stess fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2018;[5]

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar l-20 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti awtorizzat lil-attriċi sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lil konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[555] Fol. 455, nhar it-3 ta' Lulju 2018 il-Qorti ordnat lil konvenut sabiex jipprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi zmien għoxrin (20) jum. Mill-atti proċesswali jidher li l-konvenut ġie notifikat nhar il-11 ta' Lulju 2018 u għalhekk kellu sal-31 ta' Lulju 2018 sabiex jipprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Madanakollu, il-kovenut pprezenta r-risposta nhar id-9 ta' Novembru 2018 u ċjoe' iktar minn tlett (3) xhur wara.

[6] Fol. 495.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Jiġi nnotat ukoll illi fil-kawza odjerna ma hemm l-ebda kontro-talba da parti l-intimat.

F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tkun unikament imputabbli lill-intimat minħabba sevizzi u inġurji gravi, u konsegwentament tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz id-dekadenza għad-dritt li jitlob u jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri P D u O D, aħwa J;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Tassenja lill-attriċi l-propjeta' u oġġetti parafernali tagħha;

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

### *2.1. Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

L-attriċi tispjega li ltaqgħat ma' zewġha l-Libja fi triqthom lejn Malta abbord dagħjsa u mal-mument li dawn ġew salvati mill-awtoritajiet Maltin huma

ġew dikjarati bħala għarajjes. Xahar wara li bdew relazzjoni flimkien mal-wasla tagħhom Malta, l-attriċi nqabdet tqila bl-ewwel wild P li twieled nhar it-28 ta' Jannar 2012. Fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom, l-attriċi tgħid li l-aġir tal-konvenut kien wieħed normali izda meta twieled l-ewwel wild bdew jinqalgħu l-problemi.

Skont l-attriċi l-ġlied tagħhom kien jikkonsisti dwar l-eċċessivita' ta' xorb, tipjip u ħruġ tal-konvenut, fejn l-attitudni tiegħu meta kien ikun taħt l-effett tal-alkohol kienet tinbidel drastikament u f'tali stat kien saħansitra jinsisti ferm li jkollhom rapporti intimi. Magħdud ma' dan, l-attriċi tgħid illi kull darba li kien ikun taħt l-effett tax-xorb, hi kienet tibza' ferm minnu għaliex kienet tibza' li jgħolli jdejh fuqha stante li kien jinkorla malajr, jgħajjat u jheddidha li joqtolha. L-attitudni tiegħu kienet inbidlet totalment tant li sikwit kien jgħidilha li ma kellux flus sabiex jikkontribwixxi għall-bzonnijiet tal-familja għaliex kull meta jdaħħal il-paga kien jonfoqha fl-alkohol. Fil-fatt l-attriċi tikkontendi li għalkemm xi drabi l-konvenut kient jgħinha finanzjarjament, dan bosta mid-drabi kien izomm il-flus għalih filwaqt li jinsisti li l-affarijiet essenzjali tixtrihom hi.

Konsegwentament, l-attriċi nqabdet tqila bit-tieni wild, O li twieled nhar is-6 ta' April 2013. Tispjega li din it-tqala ma kienetx ippjanata. Għaldaqstant il-ġlied ta' bejn il-partijiet kompla jizdied stante li bl-attitudni tal-konvenut, l-attriċi ma kienetx taf kif kienet sejra tkampa b'zewġt itfal. B'hekk bdiet taħdem bħala *cleaner* fil-lukanda Hilton. Minkejja tali aġir, l-attriċi ddeċediet li tizzewweġ lil konvenut nhar it-23 ta' Frar 2014. It-theddid kompla dejjem jiggrava, fejn ġie allegat li jekk l-attriċi ma kienetx tagħmel kif ordnat lilha mill-konvenut, dan kien jinkorla u joħdilha l-flus li bihom kienet tkun sejra tixtri l-bzonnijiet għall-familja jew jheddidha li joħdilha l-minuri. Barra minn hekk, l-attriċi tallega li l-konvenut kien ukoll jheddidha li joqtolha.

L-attriċi tikkontendi li l-konvenut kien bniedem għajjur għaliha u ma kienx jafdaha u kien jaħseb li kienet tmur tiltaqa' rġiel oħra. Fil-fehma tal-attriċi, r-relazzjoni tal-partijiet ma kienetx ibbazata fuq l-ugwaljanza izda ġialadarba l-konvenut kien ir-raġel, kellu jsir kollox kif jgħid hu u dan irrespettivament x'kellha xi tgħid jew taħseb l-attriċi. Issemmi ukoll incident partikolari li seħħ fil-perjodu tas-Sajf tas-sena 2016, fejn il-konvenut kien xurban u pprova jerfa' jdejh fuq l-attriċi. Tgħid illi kien qabadha minn għonqha u pprova jifgahha sabiex joqtolha. Minħabba li kien hemm ħafna

għajjat, il-ġirien tagħhom ċemplu l-Pulizija sabiex jintervjenu fuq il-post. Hekk kif ġew il-Pulizija, il-konvenut innega kollox u talab lill-attriċi sabiex ma tgħid xejn. L-attriċi tgħid li fil-fatt hekk għamlet u ma qalet xejn lil Pulizija għaliex kienet bezgħana li titkellem speċjalment minħabba li uliedha kienu għadhom zgħar. Minn tali incident, il-konvenut għazel li jitlaq mid-dar matrimonjali. Madanakollu, l-partijiet xorta waħda kienu ltaqgħu xi drabi, fejn l-aġir tiegħu kien dejjem ugwali għal dak ta' qabel u ċjoe' għajjat, tgħajjir u theddid.

L-attriċi sfat telqet mid-dar matrimonjali tagħhom ukoll minħabba problema li kellha ma' sid il-fond. B'hekk talbet lil Aġenzija Appoġġ sabiex jgħinuha ssib saqaf għaliha u uliedha. Minkejja li l-attriċi ppruvat tkellem lil konvenut dwar il-problemi li kienet qiegħda taffaċċja, dan dlonk irrispondha li ma kienx affari tiegħu.

Fir-rigward ta' kura u kustodja tal-minuri, l-attriċi tispjega li hi kienet dik li tieħu ħsieb lil minuri u l-bzonnijiet tagħhom, inkluz ix-xogħol tad-dar kollu. Skont l-attriċi, il-minuri huma wkoll imbezza' mill-konvenut u dan għaliex kull darba li jiġġieled, jgħajjar u jhedded lill-attriċi, dan kien jagħmlu quddiem il-minuri stess. Fil-fatt l-attriċi tgħid illi l-konvenut kien ta' sikwit jinkoraġġixxi lil minuri sabiex jgħajjru lil ommhom. Il-konvenut qatt ma prijoritizza lil uliedu u dan għaliex ix-xorb, it-tipjip u l-ħruġ dejjem kienu iktar importanti. L-interess f'uliedu u l-benessere tagħhom kompla jiddeterjora mal-mument li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali. Fil-bidu li telaq mid-dar matrimonjali, il-konvenut kien jara lil minuri darba jew darbtejn fix-xahar għal siegħa waħda biss u xi drabi kien iċemplilhom ukoll izda qatt b'mod konsistenti. L-attriċi tispjega illi fil-perjodu bejn Settembru 2016 u s-sena 2018, il-konvenut ra lil uliedu għal madwar tlettax-il (13) darba, fejn l-attriċi kienet ukoll prezenti peress li kienet tibza' tħalli lil minuri waħedhom mal-konvenut. Fir-rigward ta' manteniment, il-konvenut dejjem kien jaqla' l-problemi mal-attriċi u tixtieq li jibda jikkontribwixxi u jagħti kas l-izvilupp ta' uliedhom. L-attriċi tgħid li taħdem bħala *housekeeper* fil-lukanda Hilton fuq bazi *full-time* u għandha introjtu nett ta' €700/€800 fix-xahar u ma tieħu l-ebda għajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fir-rigward tal-minuri.

### 2.2 *Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

#### 2.2.1. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[7] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[8] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[9] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala

[7]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[8]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[9]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[10] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[11] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[12]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[13]

### 2.2.2. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attriċi ma tarax għaliex m'għandhiex tiddeċiedi li z-zwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentament tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tal-allegata vjolenza, theddid u eċċessi da parti l-konvenut fuq il-persuna tal-attriċi, il-Qorti ħadet konjizzjoni tan-numru ta' episodji msemmija mill-attriċi, inkluz l-inċident ta' Settembru tal-2016 fejn il-konvenut allegatament qabad lil attriċi minn għonqha. Madanakollu, dawn l-inċidenti ma ġewx ippruvati permezz ta' provi imparzjali, bħal rapporti lil

[10] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[11] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[12] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[13] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Pulizija. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen lil attriċi li dakinhar tal-inċident meta l-konvenut allegatament qabad lil attriċi minn għonqha u l-Pulizija kienu ġew fuq il-post, din ma lissnet l-ebda kelma rigward l-inċident li kien għadu kif seħħ fid-dar matrimonjali. L-attriċi tgħid illi kienet wisq imbezza' mill-konvenut u anke minħabba l-minuri, din kienet irrifjutat li qatt tagħmel rapport lil Pulizija jew tkellimhom. Madanakollu, il-Qorti tosserva li l-attriċi tiddikjara illi l-ġirien tagħha u sid il-post fejn kienu joqħodu f'Ħal Qormi, kemm-il darba kienu ċemplu lil pulizija għax kienu jisimgħu diversi għajjat u biki. Għaldaqstant, anke jekk il-verzjoni tal-attriċi hija plawsibbli u ċjoe' li qatt ma rrappurtat lil zewġha lil Pulizija minħabba l-biza' li kienet taħkimha, f'dawn il-proċeduri kellha kull opportunita' li tħarrek bħala xhieda lil imsemmija ġirien u sid tal-fond sabiex jikkorrabboraw l-verzjoni attriċi rigward l-allegata vjolenza, theddid u eċċessi. Għaldaqstant, hekk kif il-Qorti xorta waħda ma tistgħax teskludi b'mod assolut il-probabbilita' li tezisti li l-konvenut huwa persuna vjolenti u aggressiva, wisq anqas ma' l-Qorti tista' tiddeduċi jekk tali aggressjoni, *se mai*, kienetx att izolat u singolari jew wieħed ripettitiv u kostanti.

Minkejja s-suespost, il-Qorti tieħu ukoll konjizzjoni tal-fatt li ġialadarba l-verzjoni attriċi ma tinsabx kontradetta stante l-istat ta' kontumelja tal-konvenut, il-Qorti ma għandhiex ma temminx illi l-attriċi xorta waħda sfat vittma tal-konvenut. Il-Qorti tirribadixxi li kien ikun ferm iktar ideali li kieku l-konvenut pprovda l-verzjoni tiegħu u l-provi neċessarji sabiex jipprova l-kaz tiegħu, madanakollu dan ma kienx possibli. Madanakollu, il-Qorti tinsab moralment konvinta li dan iz-zwieġ tkisser minħabba l-attitudni tal-konvenut. Il-Qorti ma għandhiex ma temminx li l-konvenut huwa persuna egoista, fejn fl-ewwel post jpoġġi lilu nnifsu u d-drawwiet ħziena li kellu fosthom ix-xorb, tipjip u x-xalar, u wara fit-tieni post lil martu u uliedu. Il-Qorti tieħu rendikont illi kieku *se mai* l-konvenut ma kellux attitudni ħazina versu l-attriċi, dan kien jagħmel minn kollox sabiex jipprovdi lil Qorti bil-verzjoni vertiera. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut lanqas biss ittenta jiġġustifika l-istat tiegħu ta' kontumaċja u magħdud ma' dan, il-Qorti tevalwa ukoll li l-konvenut qatt ma deher quddiemha jew quddiem l-Assistant Ġudizzjarju, liema attitudni turi passivita' u disrispett assolut. B'din l-attitudni lejn is-sejħa tal-Qorti, din tal-aħħar ma tinsabx sorpriza li l-konvenut kien jagħmel l-istess u ipotetikament anke' agħar minn dan lil attriċi. Dan indubjament ma jawgurax ħajja mizzewġa feliċi u jekk xejn issarraf fi tkissir taz-zwieġ b'mod irrimedjabbli.

Il-Qorti tkompli tirriafferma l-ħsibijiet tagħha minn osservazzjoni tal-fedina penali tal-konvenut fejn jidher li l-konvenut ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) talli nhar it-8 ta' Marzu 2014 għal ħabta tal-10.45 ta' filgħaxija fi Triq il-Ħatab, San Pawl il-Baħar, wera nuqqas ta' attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* u dan billi naqas milli jieħu ħsieb lil minuri P u O, aħwa J, ulied l-istess konvenut.[14] Mill-proċessi mediċi tal-minuri, hekk esebiti fl-atti ta' din il-kawza,[15] jidher illi dakinhar tat-8 ta' Marzu 2014 meta l-minuri kien għad kellhom sentejn u sena rispettivament, dawn instabu mill-Pulizija maqfula f'karozza mingħajr il-prezenza tal-ġenituri.[16] Tali attitudni u ħtija zgur li ma jirrispekkjawx tajjeb fuq il-konvenut. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax li għalkemm ġiet ipprezentata l-fedina penali tal-konvenut, min-naħa l-oħra ma ġietx esebita dik tal-omm sabiex jiġi vverifikat jekk l-attriċi nstabietx ukoll ħatja tal-istess akkuza mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali).

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għax-xiehda ta' Terry Pace in rapprezentanza tal-iskola primarja ta' Ħal-Qormi, fejn irrilevat li mill-2018 sal-prezent, il-konvenut waqaf jikkomunika mal-iskola dwar il-progress ta' uliedu u tikkonferma li l-kuntatt isir biss mill-omm. Dan ikompli jikkonferma kemm l-attitudni tal-konvenut ma hijiex desiderabbli fi kwalsiasi familja, fejn il-piz kollu ta' familja jaqa' fuq l-ispallejn tal-omm, filwaqt li l-missier jgħix ħajja mingħajr obbligi ta' xejn, liema attitudni ma hijiex permessibbli ai termini tal-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-zwieġ hija imputabbli unikament lill-konvenut stante offizi gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta:

[14] Fol. 115, 197.
[15] Fol. 198-454.
[16] Fol. 202.

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta’ zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b’differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

“***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[17]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ”.***

L-Artikolu 51 jistipula:

***“Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-dispożizzjonijiet ta’dak l-artikolu.”***

L-Artikolu 52 jistipula:

---

[17] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta’ suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati ta' inġurji gravi fil-konfront tal-attriċi. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta, inkluz id-dekadenza tad-dritt tal-konvenut li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi.

## 4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' P D J imwieled nhar it-28 ta' Jannar 2012 u O D J inwieled nhar is-6 ta' April 2013, u dan kif jixhdu l-Atti tat-Twelid tagħhom kif esebiti.[18] Dan ifisser illi fil-prezent P D J għandu tmien (8) snin, filwaqt li O D J għandu seba' (7) snin.

Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja u manteniment tal-minuri, ġew regolati permezz ta' digriet datat 4 ta' Ġunju 2018, liema digriet ingħata wara l-intavolar tar-rikors tal-attriċi nhar it-8 ta' Mejju 2018. Permezz ta' dan id-digriet il-Qorti orndat illi: (i) il-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament għand l-attriċi, (ii) l-attriċi tista' tieħu d-deċizjonijiet rigward is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, mingħajr li tikkomunika jew takkwista l-kunsens tal-konvenut, (iii) l-konvenut jagħti lill-attriċi għan-nom tal-minuri manteniment ta' €400 kull erba' ġimgħat għaz-zewġ minuri, (iv) l-ispejjez rigward is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jinqasmu bejn il-partijiet b'mod ugwali, (v) l-ammont ta' flus li l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi għandu jiġi depozitat fil-kont bankarju indikat minnha stess.

### *4.1. <u>Il-Kura, l-Kustodja u l-Aċċess tal-Minuri</u>*

[18] Fol. 12, 13.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. J Portelli**[19] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[20], *il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **J Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[21] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[22]illi*"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-

[19]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[20]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[21]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[22]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**[23]u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[24] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-minuri ilhom taħt il-kura u kustodja tal-omm sa mill-4 ta' Ġunju 2018, u ċjoe' sentejn. Matul dan il-perjodu, il-minuri għexu u trabbew magħha, u mix-xhieda ta' Terry Pace in rapprezentanza tal-iskola primarja ta' Ħal Qormi jidher li t-tfal jattendu l-iskola, l-B'Fast Club, u Club 3 to 16. Ġew ukoll esebiti rapport tal-għalliema rispettivi tal-minuri, fejn jidher li dawn qegħdin jagħmlu ħilithom l-iskola. Madanakollu, il-Qorti ma tistgħax ma tinnutax illi mir-rapport tal-għalliema ta' P D J, jidher li l-minuri ma jħossux komdu fil-prezenza ta' tfal bniet, f'xi waqtiet juri aggressjoni u kultant traskurat f'xogħolu. Għajr għal dawn il-problemi, jidher li t-tfal qegħdin jitrabbew b'mod xieraq mill-attriċi u b'hekk il-Qorti tinsab konvinta li fl-aħjar interess tal-minuri l-kura u kustodja ħandha tibqa' fdata f'idejn l-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti u in kwantu għal kura u kustodja tal-minuri, tikkonferma d-digriet tagħha tal-4 ta' Ġunju 2018 u *di piu'* tordna ukoll illi kwalunkwe deċizjoni relatata mal-ħruġ tal-passaport, safar, saħħa u edukazzjoni tal-minuri, din għandha tittiehed mill-attriċi waħedha mingħar il-kunsens tal-konvenut.

Il-Qorti tinnota li l-minuri mhux qed ikollhom aċċess għal missierhom u dan tenut kont tal-fatt li l-konvenut mhux qed juri interess lejn uliedu. Fil-fatt ix-xhud Terry Pace tirrileva li għal dawn l-aħħar sentejn, il-konvenut m'għadux jagħmel kuntatt mal-iskola u jinteressa ruħu fil-minuri. Madanakollu separazzjoni ta' zewġ adulti m'għandhiex titfa' pressjoni fuq l-ulied jew tinfluwenzahom b'tali mod illi jkunu parzjali lejn wieħed jew waħda mill-partijiet. Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. Għaldaqstant il-Qorti tinsab konvinta li fl-aħjar interess tal-minuri u tenut kont tal-fatt li llum-il ġurnata l-minuri għandhom tmien (8) u seba' (7) snin rispettivament, dawn għandhom isemmgħu x-xewqat tagħhom fir-rigward tal-aċċess ma'

[23]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[24]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

missierhom. Għal dan il-għan u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna li din is-sentenza għandha tiġi notifikata lil Aġenzija Appoġġ sabiex entro zmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jipprezentaw fl-atti ta' din il-kawza, rapport dettaljat ta' *social worker*, liema rapport għandu jkun ibbazat fuq ix-xewqat tal-minuri fir-rigward l-aċċess ma' missierhom.

*4.2. <u>Manteniment lil Ulied il-Partijiet</u>*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***“(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta’ kull interess benefiċjarju taħt trust”.***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni illi kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut jaħdmu fuq bazi *full-time*. Magħdud ma’ dan, il-Qorti tirrileva li għalkemm mill-*istatements* bankarji tal-attriċi esebiti ġie stabbilit li l-introjtu tal-attriċi ta’ kull xahar ivarja bejn €600 u €1,000, min-naħa l-oħra l-Qorti m’għandhiex rendikont ta’ kemm hu l-introjtu mensili tal-konvenut mill-impjieg li għandu fil-prezent mal-kumpanija Marsa Rebar Ltd.[25] Apparti dan, il-Qorti evalwat ukoll illi l-minuri fil-prezent qegħdin jipperċepixxu mill-iskema 9 fejn huma intitolati għal uniformi, ħruġ edukattiv, materjal għall-iskola u kotba b’xejn mogħtija lilhom mill-Istat.[26]

In vista tas-suespost, il-Qorti għaldaqstant tinsab tal-fehma illi tenut kont taċ-ċirkostanzi inkluz in-nuqqas ta’ prova rigward l-introjtu tal-konvenut u

[25] Fol. 493.
[26] Fol. 460.

kif ukoll l-iskema 9 li minnha jipperċepixxu l-minuri, il-manteniment ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat għaz-zewġ minuri kif stabbilit fid-digriet ta' nhar il-4 ta' Ġunju 2018 għandu jiġi kkonfermat mill-ġdid. Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenut u dan ġialadarba l-ulied ser ikomplu jabitaw ma' ommhom, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal P D J u O D J sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied jagħżlu li jgħixu għal rashom wara li jagħlqu 18 -il sena iżda jkunu taħt l-eta ta' 23 sena, u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi full-time, il-manteniment għandu jingħata direttament lilhom.

## 5. It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-23 ta' Frar 2014, hekk kif jixhed l-Att taz-Zwieġ,[27] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### 5.1. *It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

### 5.2. *Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

[27] Fol. 11.

Il-Qorti tinnota li f'dan ir-rigward ma hemmx bosta provi u dan stante li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru investimenti jew transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Fir-rigward ta' vetturi, il-Qorti tinnota li l-konvenut fil-passat kellu tlett (3) karozzi rreġistrati fuq ismu fil-perjodu bejn is-7 ta' Marzu 2014 u s-7 ta' Lulju 2017. Madanakollu ma nġabet l-ebda prova dwar x'sar minn dawn il-karozzi jekk ġewx mibjugħa *o meno*. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni tagħhom.

L-unika prova li ġiet mressqa hi l-kont bankarju f'isem l-attriċi mal-Bank HSBC plc, bin-numru 033-359654-050. Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li fir-rigward ta' dan il-kont bankarju f'isem l-attriċi, is-somma ta' flus li hemm f'dan l-imsemmi kont tal-bank għandu jibqa' assenjat lil attriċi.

6. **Beni Parafernali:**

Il-Qorti tinnota li l-attriċi ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħda tistenna li jiġu assenjati lilha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fl-atti ta' din il-kawza ma hemm l-ebda prova li jistabilixxi liema huma l-beni parafernali tal-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad din it-talba.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dana illi tatribwixxi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ unikament lil konvenut minħabba nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili; tawtorizza ukoll lill-attriċi sabiex tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tafda l-kura u kustodja tal-minuri P D J u O D J esklussivament f'idejn l-attriċi bil-fakolta' li tieħu waħedha kull deċizjoni relatata mal-ħruġ tal-passaport, safar, saħħa u

edukazzjoni tal-minuri, mingħajr il-kunsens tal-konvenut; tordna ukoll ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili li din is-sentenza tiġi notifikata lil Aġenzija Appoġġ sabiex entro zmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jipprezentaw fl-atti ta' din il-kawza, rapport dettaljat ta' *social worker*, liema rapport għandu jkun ibbazat fuq ix-xewqat tal-minuri fir-rigward l-aċċess ma' missierhom;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attriċi u tordna lil konvenut iħallas lil attriċi għan-nom tal-minuri s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal P D J u O D J sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri; Jekk l-ulied jagħżlu li jgħixu għal rashom wara li jagħlqu 18 -il sena iżda jkunu taħt l-eta ta' 23 sena, u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi full-time, il-manteniment għandu jingħata direttament lilhom.

4. Tilqa' il-ħames talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

5. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha ikkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

6. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'dana illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha

tkun skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

7. Tiċħad it-tmien talba attriċi u dan stante li mill-atti ma rrizultax li l-attriċi għandha mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali;

8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tad-disa' talba attriċi;

9. Tilqa' l-għaxar talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra din is-sentenza hekk kif tgħaddi in ġudikat.

Spejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.